# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu 2024**

**Numru 9**

**Rikors numru 525/2016/1**

**Raymond Grasso**

**v.**

**Methode Electronics Malta Limited (C 664) u**

**HSBC Life Assurance (Malta) Limited (C 18814)**

**Il-Qorti:**

1. L-appellant kien impjegat mal-kumpanija konvenuta Methode Electronics Malta Limited sakemm laħaq l-età pensjonabbli ta' 61 sena. Bħala impjegat kien kopert minn polza ta' assikurazzjoni fuq il-ħajja iskritta mill-*employer* mal-konvenuta l-oħra HSBC Life Assurance (Malta)

Limited. Il-polza kienet tkopri lil kull min ikun assigurat taħt l-istess polza f'każ ta' mewt jew f'każ ta' *Permanent Total Disablement (Accident & Sickness)* jew *Permanent Partial Disablement (Accident only).* L-attur sab ruħu b'debilità ta' saħħa u għalhekk dar fuq l-imsemmija polza ta' assigurazzjoni sabiex jingħata kumpens skont kif stabbilit minnha.

2. B'sentenza tat-28 t'Ottubru 2019, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha tal-kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta Limited, ħlief għall-ħames eċċezzjoni minħabba li minn imkien ma jirriżulta li l-attur allega li huwa kien soġġett għal *constructive dismissal* jew xi forma oħra ta' tkeċċija minn mal-istess kumpanija; laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta l-oħra HSBC Life Assurance (Malta) Limited; u ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur; bl-ispejjeż tal-kawża a karigu tal-attur.

3. L-attur appella mis-sentenza biss fil-konfront ta' HSBC Life Assurance (Malta) Limited. Għal dak li jirrigwarda dan l-appell, l-ewwel Qorti għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet:

> Jifdal għalhekk li l-Qorti tikkonsidra t-tielet talba tal-attur, liema talba hija indirizzata lill-kumpannija konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) Limited, fejn l-attur qiegħed jippretendi li din għandha tikkumpensah taħt il-polza tal- assikurazzjoni li kien kopert biha bħala impjegat tal-kumpannija Methode Electronics (Malta) Limited peress li huwa jsostni li spiċċa fi stat ta' debilità permanenti totali li konsegwenza tagħha huwa ma setax jibqa' jmur ix-xogħol.
> Il-kumpannija HSBC Life Assurance Limited eċċepiet li hija m'għandha l-ebda obbligu ta' kumpens taħt il-polza, għax meta l-attur fetaħ il-claim kien diġà irtirat, u għax jirriżultalha li l-attur ma kienx spiċċa mill-impjieg minħabba f'xi debilità permanenti li kien qiegħed isofri minnha, iżda għax kien laħaq l-età tal-irtirar. Inoltre l-kumpannija HSBC Life Assurance (Malta) eċċepiet ukoll li l- kundizzjonijiet li qiegħed jilmenta minnhom l-

attur mhumiex koperti mill- polza tal-assikurazzjoni inkwistjoni, li teskludi problemi ta' natura mentali u mard nevroloġiku mill-kopertura tal-imsemmija polza. Il-Qorti tqis illi mill- kopja tal-polza esebita fl-atti, jirriżulta li din kienet maħsuba biex tkopri tliet tipi ta' sitwazzjonijiet, jiġifieri, f'każ fejn impjegat imut, f'każ fejn ikun hemm diżabilità permanenti totali minħabba mard jew inċident, u f'każ fejn ikun hemm diżabilità permanenti parzjali minħabba inċident. L-attur qiegħed iressaq il-pretensjoni tiegħu għax jikkontendi li l-kundizzjoni li qiegħed ibati minnha, il-fibromyalgia, irrendietu totalment diżabbli b'mod permanenti, u għalhekk jikkwalifika għal ħlas taħt din il-polza. L-attur jikkwantifika l-ħlas li huwa dovut lilu taħt il-polza f'ammont ekwivalenti għal tliet darbiet tas- salarju li huwa kellu fiż-żmien meta kien għadu impjegat mal-kumpannija konvenuta Methode Electronics Malta Limited. Il-Qorti tirrileva illi l- kundizzjonijiet tal-polza li l-kumpannija HSBC Life Assurance (Malta) qiegħda tiċċita in sostenn ta' dak li qiegħda tgħid li l-ebda ħlas minnha mhuwa dovut lill-attur taħt l-imsemmija polza, jgħidu testwalment illi:

> *No benefit is payable under any of the Supplementary Contracts attached to this policy in the event of bodily injury giving rise to death or disability if such bodily injury is associated with or sustained while or resulting from:*
> *(9) Mental, nervous, neurological disorders, epileptic fits and relative ailments.*

Il-konvenuta HSBC Life Assurance (Malta) tikkontendi li ladarba ġie stabbilit li l-kundizzjoni li qiegħed isofri minnha l-attur hija waħda nevroloġika, il- fibromyalgia, tapplika għaliha din l-esklużjoni taħt il-polza, u għalhekk il-claim tal-attur ma tistax tiġi aċċettata għax il-mard mentali jew mard fis-sistema nervuża ċentrali huwa eskluż taħt l-imsemmija polza. Il-Qorti tirrileva li skont ix-xhieda taż-żewġ konsulenti f'dan il-qasam, il-Professur Andrew Borg u Dr Bernard Coleiro, minkejja li saret ħafna riċerka dwar il-kundizzjoni tal- fibromyalgia, għadu mhuwiex stabbilit x'inhu eżattament li jwassal għaliha, jew b'liema mod għandha tiġi kklassifikata din il-marda, jekk hux taħt mard psikosomatiku jew inkella hux taħt mard fiżiku. Għalhekk ikun azzardat li wieħed jipprova jeskludi a priori talba li ssir taħt polza tal-assikurazzjoni għax il-fibromyalgia tiġi kklassifikata bħala xi tip ta' marda jew oħra. Il-Qorti tirrileva illi f'kamp mediku fejn ir-riċerka għadha qed tiżviluppa, m'għandhiex tkun hi li tikklassifika din il-marda bħala marda psikosomatika jew marda fiżika. L-effetti tal-marda tal-fibromyalgia mhumiex limitati biss għal dak li wieħed isofri minnu psikoloġikament jew fiżikament, iżda din għandha firxa ta' sintomi li jdgħajfu severament il-persuna, tant hu hekk Dr Bernard Coleiro stess xehed li fil-fehma tiegħu l-attur qiegħed isofri minn debilità totali ta' mija fil-mija (100%).
Madanakollu il-Qorti tirrileva li kien hemm kundizzjoni oħra fl-imsemmija polza li kellha tiġi sodisfatta, dik li tgħid illi:

> "The Disability is considered Total when the assured is unable to perform his own occupation or any occupation for which he is reasonably qualified by training, education or experience provided that:

(a) The Policy is in force at the date of the assured first becoming disabled;

(b) The first day of disability occurred prior to the attainment of the age of 60 or 61 years as the case may be;

(c) The life assured has been disabled and totally unable to follow his normal occupation for a period of six consecutive months."

Minn qari ta' din il-klawsola jirriżulta li biex persuna tiġi kkunsidrata li qiegħda ssofri minn debilità permanenti li tirrendiha inkapaċi li tibqa' taħdem, irid ikun hemm almenu perijodu ta' sitt xhur fejn il-persuna ma tkunx tista' tkompli fl- impjieg normali li kellha. Il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ, minkejja d-diversi diffikultajiet li lmenta minnhom l-attur f'din il-kawża, huwa ħassu f'sikktu biżżejjed biex immedjatament wara li ttermina l-impjieg tiegħu minn mal- kumpannija konvenuta Methode Electronics, kien aċċetta li jibqa' jkun ta' servizz għall-kumpannija konvenuta bħala konsulent, anki jekk skont dak li xehed, għamel dan b'sens ta' dover u b'sens ta' rispett lejn il-kumpannija. Il- fatt li din l-offerta ta' 'xogħol' baqgħet ma mmaterjalizzatx, jirriżulta li dan ma kienx għax l-attur ma baqax f'saħħtu biżżejjed biex jibqa' jaħdem, tant hu hekk kien hemm tal-inqas żewġ istanzi fejn dan kien attenda għal laqgħat fl- uffiċini tal-kumpannija konvenuta. Jirriżulta mill-provi li s-servizzi li kien dispost li jipprovdi l-attur ma kellhomx valur kummerċjali għall-kumpannija konvenuta. Jirriżulta wkoll mill-provi li l-attur kien bagħat ittra fejn informa lill- konvenuta Methode Electronics Malta li ma setax ikompli jipprovdi servizzi ta' konsulenza. Iżda jibqa' l-fatt li eżattament wara li kien temm l-impjieg tiegħu mas-soċjetà Methode Electronics, l-attur wera r-rieda li jkompli jagħmel l- istess xogħol, tant hu hekk li għal dan ix-xogħol ta' konsulenza huwa qiegħed jippretendi li jitħallas bl-istess rata ta' ħlas daqslikieku baqa' impjegat mal- kumpannija konvenuta, daqslikieku qatt ma rtira mill-impjieg tiegħu. L-attur jgħid li huwa ma xtaqx li jerġa' jerġa' jħabbat wiċċu mal-istess persuni li kienu, skont hu, l-kawża ta' ħafna stress u ansjetà fix-xogħol tiegħu, u kien għalhekk li ma aċċettax li jkun hu l-persuna li taħdem sabiex il-proposti mressqa minnu jiġu attwati. Inoltre ġie ppruvat li l-attur baqa' jaħdem sal-aħħar ġurnata possibbli, u l-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu kkonċidiet mal-ġurnata meta ħareġ fuq leave bi ħlas li l-attur kellu akkumulat, u dan il-leave spiċċa dakinhar li l-attur għalaq l-età ta' wieħed u sittin (61) sena meta beda jirċievi l-pensjoni tal-età. Ma jirriżultax mill-provi li tul iż-żmien ta' kopertura tal-imsemmija polza, l-attur għamel xi żmien wieqaf mix-xogħol minħabba f'xi diżabilità jew kundizzjoni medika li rrendietu mhux kapaċi li jaħdem, tant hu hekk li l-attur baqa' impjegat sal-aħħar ġurnata sakemm ħareġ bil-pensjoni tal-età. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti qiegħda tiċħad ukoll it-tielet talba tal-attur, minħabba li ma jirriżultax li l-attur sofra minn debilità permanenti totali li għal perijodu ta' sitt xhur konsekuttivi żammitu milli jkompli bix-xogħol normali tiegħu ai termini tal-imsemmija polza.

Ikkunsidrat:

4. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija extra/ultra petita. Qabel xejn, għall-preċiżjoni, din il-Qorti tixtieq tiċċara d-distinzjoni bejn deċiżjoni *extra petita* u deċiżjoni *ultra petita*, għaliex tinnota li ta' spiss dawn iż-żewġ kunċetti jiġu mixħutin flimkien aktarx minħabba li min jużahom ma jkunx ċert xi tfisser waħda u l-oħra. Deċiżjoni *ultra petita* hi waħda mogħtija skont id-domanda, iżda li tagħti iktar milli jkun intalab, bħal meta f'kundanna għal ħlas tingħata somma ikbar minn dik mitluba. Deċiżjoni *extra petita* hi waħda li tbiddel sostanzjalment il-*petitum* jew il-*causa petendi*, bħal meta l-attur jitlob ir-riżoluzzjoni ta' kuntratt minħabba inadempiment iżda l-imħallef iħollu minħabba impossibilità sopravvenuta tal-prestazzjoni.[1] Sa ċertu punt dawn iż-żewġ kunċetti japplikaw ukoll għall-eċċezzjonijiet.

5. Il-vizzju tal-ultrapetizzjoni jew l-extrapetizzjoni huwa *error in procedendo*, li jseħħ meta l-ġudikant jippronunzja ruħu oltre l-limiti tal-pretensjonijiet jew tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-partijiet, ossija fuq materja estranja għall-oġġett tal-ġudizzju, li ma jkunx ukoll rilevabbli *ex officio*.[2]

---

[1] Federico del Giudice, *Il Latino in Tribunale*, IV ediz.,(sena 2011) vuċi *Extra petita, ultra petita*, paġni 108-109.
[2] Marchese Riccardo Cassar Desain v. Giovanni Spiteri 25.11.1927 Appell Ċivili.

Fil-każ preżenti huwa ċar li l-aggravju tal-appellant huwa dak tal-*extra petita* in kwantu jallega li l-Qorti qanqlet kwistjoni li ma ġietx eċċepita mill-konvenuti.

Skont l-appellant, il-Qorti għamlet dan l-iżball meta kkunsidrat li l-attur naqas li jissodisfa r-rekwiżit tal-polza tal-assikurazzjoni li "*the life assured has been disabled and totally unable to follow his normal occupation for a period of six consecutive months*". Isostni li l-appellata fl-eċċezzjonijiet imressqin minnha qatt ma nvokat l-applikabilità tal-allegat rekwiżit ta' sitt xhur. Lanqas tqajjem fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-appellata. Jinsisti li d-dibattitu bejn il-partijiet fil-kawża kien ikkonċentrat fuq jekk il-kundizzjoni medika li kien ibati biha l-attur kinitx eskluża mill-polza bħala *mental, nervous, neurological disorder, epileptic fits and relative ailments*.

Ikkunsidrat:

6. Huwa minnu li d-dibattitu fin-noti tal-osservazzjonijiet aħħarija quddiem l-Ewwel Qorti kien ikkonċentrat fuq in-natura tal-kundizzjoni medika tal-attur. B'danakollu mhuwiex minnu li d-deċiżjoni tal-Qorti marret lil hinn mill-eċċezzjonijiet tal-appellata. Fil-fatt din eċċepiet li "l-attur għandu jġib prova illi l-problemi ta' saħħa li qed jilmenta minnhom huma tassew koperti bil-polza". Biex il-marda tkun koperta bil-polza, trid tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha tal-polza. Il-kundizzjoni msemmija mill-

Ewwel Qorti hija waħda minnhom. Għalhekk id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tinkwadra ruħha fit-termini ta' din l-eċċezzjoni.

7. Anke li kieku d-deċiżjoni tal-Qorti ma kinitx taqa' fl-ambitu tal-eċċezzjoni msemmija, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt tirrileva, anke indipendentement mill-inizjattiva tal-konvenuti, in-nuqqas ta' dawk l-elementi li jsostnu l-fundament tal-pretensjoni tal-attur. Dan jiġri dejjem, ukoll fejn parti mħarrka tkun fi stat kontumaċjali.[3] Irrispettivament mill-eċċezzjonijiet imressqa, sta għall-attur li jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Il-Qorti hija dejjem marbuta tkun sodisfatta li l-attur iġib il-prova tal-fatti kostituttivi kollha bażi tad-dritt dedott fil-ġudizzju. Fil-każ preżenti, l-attur kellu jipprova li ssodisfa l-kundizzjonijiet kollha tal-polza biex jirnexxi fit-talba tiegħu li jgawdi minnha.

8. Sa mill-ewwel nofs tas-seklu li għadda, il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti segwiet it-tagħlim tal-ġurista Taljan Mattirolo li kiteb li:

> *non pecca di ultra petita[4] la sentenza la quale accogliendo la conclusione di una delle parti aggiunge a sostegno di essa dei motivi in diritto che non furon fatti valere dalla parte medesima, o dei motivi in fatto, che sebben non invocati dalla stessa parte, emergono pero` dagli atti della causa*.[5]

---

[3] Giuseppe Wismayer v. Giovanni Magri 24.11.1934 Qorti tal-Kummerċ; Maria Concetta Pons v. Carmelo Degabriele 20.11.2009 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).

[4] Jew aħjar, *extra petita.*

[5] Trattato di Diritto Giudiziario Civile. Vol IV no. 1055 e nota a pag. 954) iċċitat mill-Qorti tal-Appell Ċivili fil-25.11.1927 fis-sentenza *Riccardo Cassar Desain v. Giovanni Spiteri*. Din is-sentenza ġiet segwita minn sentenza oħra tal-istess Qorti *Maria Antonia Teuma Castelletti v. Sac. Conte Francesco Teuma Castelletti* 21.11.1927 Qorti tal-Appell XXVI.i.897 ippreseduta minn Sir Arturo Mercieca. Iktar riċenti hemm għadd ta' sentenzi tal-Qorti tal-Appell Inferjuri, ippreseduta mill-kompjant Onor. Imħallef Philip Sciberras, fosthom *Melita Cable plc v Awtorita`ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni* 13.02.2009.

9. Konformement ma' din il-linja ta' ħsieb, ingħad minn din il-Qorti, diversament ippreseduta, li mhix extrapetizzjoni "*il rilevare da un fatto constatato dalle prove la vera importanza, per quanto le parti vi avessero dato una importanza minore*", [6] lanqas jekk, diment li jibqa' fl-ambitu tal-*causa petendi* u tal-*petitum*, il-ġudikant "jissorreġġi d-deċiżjoni tiegħu minn dak li jirriżultalu mill-provi jew b'argomentazzjonijiet diversi minn dawk addottati mill-kontendenti",[7] inkella "jindividwa n-natura eżatta tal-azzjoni jew li jqiegħed abbażi tal-pronunċjament tiegħu kunsiderazzjonijiet ta' dritt diversi minn dawk prospettati mill-partijiet, u anke mill-inizzjattiva tagħhom, għaliex tali fakultà taqa' fl-attribuzzjonijiet tiegħu".[8]

10. Fuq dawn il-konsiderazzjonijiet, l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

11. It-tieni aggravju hu li interpretat ħażin il-klawżola li straħet fuqha.

12. L-ewwel Qorti rraġunat hekk dwar din il-klawżola:

[6] *Teuma Castelletti* suċċitata.
[7] Villa Fremaux Limited v Carmelo Schembri 21.06.2006 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) Onor. Imħ. Philip Sciberras.
[8] *Melita Cable* suċċitata.

… hemm kundizzjoni oħra fl-imsemmija polza li kellha tiġi sodisfatta, dik li tgħid illi:

> “The Disability is considered Total when the assured is unable to perform his own occupation or any occupation for which he is reasonably qualified by training, education or experience provided that:
>
> (a) The Policy is in force at the date of the assured first becoming disabled;
>
> (b) The first day of disability occurred prior to the attainment of the age of 60 or 61 years as the case may be;
>
> (c) The life assured has been disabled and totally unable to follow his normal occupation for a period of six consecutive months.”

Minn qari ta’ din il-klawsola jirriżulta li biex persuna tiġi kkunsidrata li qiegħda ssofri minn debilità permanenti li tirrendiha inkapaċi li tibqa’ taħdem, irid ikun hemm almenu perijodu ta’ sitt xhur fejn il-persuna ma tkunx tista’ tkompli fl- impjieg normali li kellha. Il-Qorti tirrileva li f’dan il-każ, minkejja d-diversi diffikultajiet li lmenta minnhom l-attur f’din il-kawża, huwa ħassu f’sikktu biżżejjed biex immedjatament wara li ttermina l-impjieg tiegħu minn mal- kumpannija konvenuta Methode Electronics, kien aċċetta li jibqa’ jkun ta’ servizz għall-kumpannija konvenuta bħala konsulent, anki jekk skont dak li xehed, għamel dan b’sens ta’ dover u b’sens ta’ rispett lejn il-kumpannija. Il- fatt li din l-offerta ta’ ‘xogħol’ baqgħet ma mmaterjalizzatx, jirriżulta li dan ma kienx għax l-attur ma baqax f’saħħtu biżżejjed biex jibqa’ jaħdem, tant hu hekk kien hemm tal-inqas żewġ istanzi fejn dan kien attenda għal laqgħat fl-uffiċini tal-kumpannija konvenuta. Jirriżulta mill-provi li s-servizzi li kien dispost li jipprovdi l-attur ma kellhomx valur kummerċjali għall-kumpannija konvenuta. Jirriżulta wkoll mill-provi li l-attur kien bagħat ittra fejn informa lill-konvenuta Methode Electronics Malta li ma setax ikompli jipprovdi servizzi ta’ konsulenza. Iżda jibqa’ l-fatt li eżattament wara li kien temm l-impjieg tiegħu mas-soċjetà Methode Electronics, l-attur wera r-rieda li jkompli jagħmel l- istess xogħol, tant hu hekk li għal dan ix-xogħol ta’ konsulenza huwa qiegħed jippretendi li jitħallas bl-istess rata ta’ ħlas daqslikieku baqa’ impjegat mal- kumpannija konvenuta, daqslikieku qatt ma rtira mill-impjieg tiegħu. L-attur jgħid li huwa ma xtaqx li jerġa’ jerġa’ jħabbat wiċċu mal-istess persuni li kienu, skont hu, l-kawża ta’ ħafna stress u ansjetà fix-xogħol tiegħu, u kien għalhekk li ma aċċettax li jkun hu l-persuna li taħdem sabiex il-proposti mressqa minnu jiġu attwati. Inoltre ġie ppruvat li l-attur baqa’ jaħdem sal-aħħar ġurnata possibbli, u l-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu kkonċidiet mal-ġurnata meta ħareġ fuq leave bi ħlas li l-attur kellu akkumulat, u dan il-leave spiċċa dakinhar li l-attur għalaq l-età ta’ wieħed u sittin (61) sena meta beda jirċievi l-pensjoni tal-età. Ma jirriżultax mill-provi li tul iż-żmien ta’ kopertura tal-

> imsemmija polza, l-attur għamel xi żmien wieqaf mix-xogħol minħabba f'xi diżabilità jew kundizzjoni medika li rrendietu mhux kapaċi li jaħdem, tant hu hekk li l-attur baqa' impjegat sal-aħħar ġurnata sakemm ħareġ bil-pensjoni tal-età. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti qiegħda tiċħad ukoll it-tielet talba tal-attur, minħabba li ma jirriżultax li l-attur sofra minn debilità permanenti totali li għal perijodu ta' sitt xhur konsekuttivi żammitu milli jkompli bix-xogħol normali tiegħu ai termini tal-imsemmija polza.

13. L-attur, fir-rikors tal-appell tiegħu, isostni li seta' jirtira ta' 62 sena iżda kellu jirtira ta' 61 sena minħabba l-marda li kellu. Jirriżulta iżda li seta' jirtira ta' 61 għax kellu kontribuzzjoni biżżejjed imħallsa, u li għalhekk l-irtirar tiegħu ma kienx ikklassifikat bħala *early retirement* imma irtirar mix-xogħol minħabba li l-attur laħaq l-età pensjonabbli. Sakemm irtira, l-attur baqa' jaħdem b'mod normali. Minkejja li t-tobba tawh diżabilità totali, ma kienx jieħu *sick leave* iktar milli kienu normalment jieħdu l-ħaddiema. Ħadem sal-aħħar ġurnata tneħħi l-perjodu li fih ħa l-*leave* imħallas akkumulat. Xejn ma juri li ma kienx kapaċi għax-xogħol li soltu kien jagħmel. M'għamel l-ebda perjodu ta' sitt xhur konsekuttivi ma jmurx għax-xogħol, kif trid il-polza. L-argument tal-appellant li ssodisfa din il-kundizzjoni billi rtira sena qabel m'għalaq it-62 sena hija mġebbda għall-aħħar. Din il-Qorti ssibha ferm inverosimili li eżatt mal-għeluq tal-61 sena, meta l-attur sar intitolat għall-pensjoni kontributorja, huwa sar inkapaċi li jaħdem ix-xogħol normali tiegħu. U hekk jidher li ħasbitha, ġustament, ukoll l-ewwel Qorti. Għalhekk, irrispettivament mid-diżabilità medika li seta' kellu l-attur, ma setgħet qatt tiskatta l-kopertura tal-assikurazzjoni. It-tieni aggravju huwa wkoll mingħajr siwi.

14. It-tielet aggravju hu li s-sentenza tal-ewwel Qorti hi żbaljata fejn ikkunsidrat li ma jirriżultax kif ghandha tiġi kklassifikata l-marda tal-*fibromyalgia* li jbati minnha l-attur; jekk taqax taħt marda fiżika u rewmatoloġika u allura koperta bl-assikurazzjoni inkella jekk tikklassifikax bħala waħda newroloġika u allura waħda mill- *"mental, nervous, neurological disorder, epileptic fits and relative ailments"* esklużi mill-istess polza.

15. In vista ta' dak li ngħad dwar it-tieni aggravju, kull kunsiderazzjoni ta' dan l-aggravju tisfa' waħda akkademika. B'danakollu l-Qorti xorta sejra tittrattah għall-fini ta' kompletezza.

16. Jidher mill-provi prodotti f'din il-kawża li għad hemm dubju fost l-esperti tal-mediċina dwar kif ghandha tiġi kklassifikata din il-marda; anke jekk jidher mid-dokumenti esibiti mill-appellant fl-istadju ta' dan l-appell illi l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa issa qiegħda tikklassifikaha bħala waħda fiżika. Għalhekk l-ewwel Qorti kellha raġun tesprimi d-dubji tagħha.

17. Il-kweżit li għandu jiġi ndirizzat hu: stabbilit dan id-dubju, fuq min jaqa' l-piż tal-prova biex jipprova jekk din il-marda hix koperta inkella hix eskluża mill-kopertura tal-assikurazzjoni?

18. Huwa fatt magħruf li l-esklużjonijiet f'polza għandhom l-iskop li jillimitaw ir-riskju inxurjat billi jgħidu x'mhux ser ikun inxurjat. Filwaqt li l-klawsoli li jkopru r-riskju jiddeskrivu għalxiex wieħed ikun inxurjat, l-esklużjonijiet jintużaw bħala għodda biex inaqqsu l-iskop tal-istess assikurazzjoni billi jillimitawha. Klawżoli bħal dawn jintużaw sabiex b'mod akkurat jistabbilixxu l-parametri tar-riskju assikurat billi jistabbilixu x'ma jkunx kopert taħt il-kuntratt tal-assikurazzjoni. Bħala tali, l-assikuratur jitqies li jkun ħa l-miżuri kollha meħtieġa, inklużi pariri legali, biex jabbozza l-klawżola b'mod preċiż. Sta għall-assikuratur biex ma jinkludix termini dubjużi jew ambigwi.

19. Filwaqt li hu fatt li l-assikurazzjoni trid tkejjel ir-riskju li tidħol għalih, ġaladarba tasal għal kuntratt ta' assikurazzjoni mal-assikurat, il-kuntratt irid jiġi interpretat bl-aktar mod ġust, jekk xejn, minħabba l-principju tal-*uberrima fides.* Internazzjonalment, hemm veduti konfliġġenti dwar kif għandha tiġi interpretata klawżola t'esklusjoni dubjuża f'kuntratt t'assikurazzjoni, iżda l-fehma l-iktar komuni hi li għandha tapplika r-regola *contra proferentem*: *If there is any ambiguity, since it is the defendants' clause, the ambiguity will be resolved in favour of the assured*.[9] Min irid jeħles mill-konsegwenzi legali ordinarji ta' kuntratt li jidħol għalih, irid jagħmel hekk bi kliem ċar.

---

9 Somervell Lord Justice in re: Houghton vs Trafalgar Insurance Company Ltd [1954] 1 QB 247; l-istess iddeċidiet il-Qorti Suprema tal-India fil-kawża Sushilaben Indravadan Gandhi and anr v. The New India Assurance Co Ltd and Ors.

20. Ghalhekk, jekk l-assikurazzjoni tqajjem bħala difiża klawsola ta' esklużjoni, trid tkun l-istess assikurazzjoni li tipprova li l-fatti tal-każ jinkwadraw ruħhom f'dik l-esklużjoni.

> *In the ordinary case, the undertaking of the insurers is expressed in general terms. If the insurers wish to qualify it, they do so by means of exceptions excluding certain forms of the peril. Hence, it is sufficient for the assured to bring himself* prima facie *within the terms of the policy, leaving it to the insurers to prove that the case in fact falls within an exception*.[10]

21. Fil-każ preżenti, il-polza hija ċara dwar x'tip ta' mard huwa eskluż. L-ekwivoku jinqala' mhux tort ta' min abbozza l-polza, imma minħabba li x-xjenza medika – li bħall-bqija tax-xjenza naturali qatt ma hi statika u dejjem tevolvi - għadha ma stabbilietx sewwa f'liema kategorija għandha titpoġġa l-*fibromyalgia*.

22. Għalhekk, id-dubju għandu jmur favur l-appellant.

23. Dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

24. B'danakollu, l-appell xorta waħda ma jistax jiġi milqugħ minħabba li ġew miċħuda l-aggravji l-oħrajn.

[10] E.R. Hardy Ivamy, General Principles of Insurance Law, 3rd ed. (1975) paġna 395.

***Decide***

24. Għal dawn il-motivi, l-Qorti, anke jekk mhux fuq motivi għal kollox identiċi għal dawk tal-Ewwel Qorti, qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

25. Spejjeż tal-Ewwel Istanza jibqgħu kif deċiżi minn dik il-Qorti; spejjeż tal-appell a kariku tal-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss